MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Numru. 189/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Grima)**

**vs.**

**Kevin Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kevin Camilleri**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Anthony u Agnes neé Mifsud, imwieled il-Pieta' nhar it-3 ta' Frar 1979, u li joqghod 10, Sqaq ir-Ruzarju, Gharghur, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 91579M, akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer u cioé f'San Pawl il-Bahar, fid-19 ta' Frar 2012, f'xi hin bejn is-sebgha (07:00hrs) u t-tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Vitz, bil-kulur *silver* u bin-numru

tar-registrazzjoni KBI 231, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez 2329.37 Euro u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Ronald Cauchi;
2. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;

3. saq jew pprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

4. sar recidiv u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 80) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 289, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 81), l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet tixhed lis-*social worker* Stephanie Caruana prodotta mid-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fid-19 ta' Frar 2012 insterqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBI 231. Jirrizulta li sidha Ronald Cauchi kien qed jixtri l-pastizzi fi Triq il-Mosta u halla l-vettura wahedha bic-cwievet fiha sakemm jixtri l-pastizzi u meta mar lura ma sabx ic-cwievet. Din il-vettura giet towjatha mill-RMF u wara xi hin li sidha kien dahal id-dar, sema lil martu tghajjat mill-gallarija u ra l-vettura tinstaq b'velocita' lejn Burmarrad. Aktar tard din il-vettura nstabet u go fiha kien hemm l-imputat. Da parte taghha, Evangeline Cauchi, mart l-imputat, gharfet lill-imputat bhala l-persuna li rat jidhol fil-vettura u li sussugwentement wara giet misjuqa (*a fol.* 37). PS 914 Ivan Mifsud xehed rigward l-okkorrenza redatt minnu (*a fol.* 31 *et seq.*, 63 *et seq.*, 65 *et seq.)*. In kontro-ezami jghid li lill-imputat ilu jafu u jghid li meta l-imputat ikollu problema tal-alkohol, l-imputat dejjem jizgarra (*a fol.* 64). Jghid li qabel l-incident tad-19 ta' Frar 2012 kellu diversi incidenti mal-imputat pero wara din id-data hu personalment (PS 914) ma kellux aktar incidenti mal-imputat. Meta mistoqsi jghid jekk kemm ilu jaf lill-imputat jistghax jattribwixxi l-problemi tal-imputat ghall-alkohol, iwiegeb fl-affermattiv u jghid ukoll: *"Qatt ma taghna nkwiet iehor, meta jkollu l-problema ta' l-alkohol jitlef l-irgulija Kevin"* (*a fol.* 64).

Illi PS 1586 Ronnie Attard u PC 382 Josef Cardona kkonfermaw li kien l-imputat li hareg mill-vettura in kwistjoni u harab jigri (*a fol*. 47 u 49).

Illi l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Jessica Grima tixhed li l-imputat kien fis-sakra u li ma kienx f'sensieh. Tghid li kien: *"f'sakra kbira"* (*a fol.* 38). Tghid li waslet ghal din il-konkluzjoni mill-mod kif beda jgib ruhu l-imputat fis-sens li ma kienx qed jimxi sew u ma kienx qed jitkellem sew (*a fol.* 38). Tghid ukoll li l-imputat kellu riha qawwija ta' xorb. In kontro-ezami l-Ufficjal Prosekutur tikkonferma li l-

imputat kien qalilha li kellu problemi familjari u li kien qed jaghtiha ghax-xorb (*a fol.* 39).

Illi l-Ufficjal Prosekutur ezebiet ukoll tlitt decizjonijiet moghtija fil-konfront ta' Kevin Camilleri: wahda moghtija fit-12 ta' Frar 2009 (Dok. "JG 1" – *a fol.* 58 *et seq.*), ohra moghrija fid-29 ta' Mejju 2006 (Dok. "JG 2" – *a fol.* 60 *et seq.*) u ohra moghtija fit-2 ta' Gunju 2011 (Dok. "JG 3" – *a fol.* 77 *et seq.*). L-Ufficjal Prosekutur fid-decizjoni moghtija fit-12 ta' Frar 2009 ikkonferma li l-imputat f'dik il-kawza huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna (*a fol.* 62). Fir-rigward tad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Gunju 2011, il-konnottati tal-imputat f'dik il-kawza huma identici ghall-konnottati tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi d-difiza ressqet bhala xhud lis-*social worker* Stephanie Caruana li xehdet li ilha taf lill-imputat mill-2008 pero tispecifika li ilha ssegwi lill-imputat b'mod regolari minn Frar 2012. Din ix-xhud tikkonferma li l-imputat kellu problema ta' abbuz ta' alkohol u li minn Frar 2012 l-imputat zamm kuntatt mal-Agenzija tant li l-istess imputat qed jindirizz il-problema tieghu b'mod tajjeb hafna. Tghid hekk: *"l-awareness tieghu hija kbira hafna u jaf il-problema x'inhi u kif ghandu jittekiljaha"* (*a fol.* 89).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija tinsab ezebita *a fol.* 6 *et seq.* tal-process, l-imputat ikkonferma li huwa kien fis-sakra meta gie mwaqqaf mill-Pulizija u li ghad-domanda: *"Kont qed issuq fis-sakra voldieri?"*, l-imputat wiegeb: *"Iva"* (*a fol.* 7).

**Ikkunsidrat**

Illi, minn dak li nghad hawn fuq u mill-atti processwali, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat:

(a) seraq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBI 231;

(b) kien fis-sakra u ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu u li tul dan il-hin saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBI 231;
(c) huwa recidiv.

Illi, ghaldaqstant, l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tieghu, dak li xehdet is-*social worker* Stephanie Caruana rigward il-problema tad-dipendenza tal-imputat fuq l-alkohol u kif ukoll il-progress li l-imputat ghamel minn tali dipendenza. Il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, u dana b'mod specjali minn dak li xehdet is-*social worker* Stephanie Caruana rigward id-dipendenza tal-imputat fuq l-alkohol u kif ukoll wara li hasbet fit-tul rigward il-piena li ghandha tigi moghtija lill-imputat hija tal-fehma li l-imsemmi imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **l-ahhar darba** li l-imputat ser jinghata dan ic-cans. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in dizamina ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma li l-imputat Kevin Camilleri jigi kkundannat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' *probation* fil-konfront tieghu, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 23 ta' Ottubru 2012 u senjatament Artikoli 49, 50, 261(c), 261(g), 267, 271, 289 u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, peress li l-Qorti Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-

imsemmi Kevin Camilleri jitqieghed taht ordni ta' *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation*, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-Ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-Ordni.

*In oltre,* il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Kevin Camilleri bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Kevin Camilleri.

Il-Qorti tordna wkoll sabiex l-ufficjal inkarigat isegwi din is-sentenza u jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir is-servizz fil-komunita'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------